

Brussell, 20 ta' Settembru 2017
(OR. en)

12068/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0265 (COD)

CODEC 1372
ECOFIN 714
STATIS 47
IA 135
PE 63

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017, billi jestendih għall-2018-2020 – Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburg, mill-11 sal-14 ta' Settembru 2017)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

F'dan il-kuntest, ir-relatur, Roberto Gualtieri (S&D- IT) ippreżenta emenda ta' kompromess (l-emenda 2) għall-proposta għal Regolament, fisem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari (ECON). Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmijin hawn fuq.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

II. VOT

Meta vvotat fl-14 ta' Settembru 2017, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda 2) għall-proposta għal Regolament. Il-proposta tal-Kummissjoni kif emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif indikat fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li preċedentement kien intlaħaq qbil dwaru bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Estensjoni tal-programm statistiku Ewropew sal-2020 *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017, billi jestendih għall-2018-2020 (COM(2016)0557 – C8-0367/2016 – 2016/0265(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0557),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 294(2) u 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0367/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 tat-Trattati dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 tat-Trattati dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016³,
 - wara li kkonsulta lill-Komitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-komitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-15 ta' Ġunju 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Komitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0158/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

³ ĠU C 75, 10.3.2017, p. 53.

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-14 ta' Settembru 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17, billi jestendih sal-2020

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁵,

⁴ ĠU C 75, 10.3.2017, p. 53.

⁵ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2017.

Billi:

- (1) ***Evidenza*** affidabbli u rilevanti bbażata fuq l-istatistika Ewropea, ***disponibbli f'waqtha u pubblikament li tista' tiġi użata għat-tfassil tal-politiki***, hija essenzjali għall-kejl tal-progress u għall-evalwazzjoni tal-effiċjenza tal-politiki u tal-programmi tal-Unjoni, b'mod speċjali fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020 stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata ' Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv '(Ewropa 2020) u l-Aġenda tal-Kummissjoni għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u l-Bidla Demokratika.
- (2) ***Jenħtieġ li l-istatistika Ewropea tiegħu approċċ komprensiv mifrux mal-Unjoni kollha li jipprovdi data preċiża li tassisti l-proċessi ta' integrazzjoni ulterjuri fl-Unjoni.***
- (3) ***Id-disponibbiltà ta' statistika Ewropea affidabbli u komprensiva tikkostitwixxi wieħed mill-beni pubbliċi importanti li jibbenefika lil dawh li jieħdu d-deċiżjonijiet, lir-riċerkaturi u lill-pubbliku ġenerali.***
- (4) ***Bilanċ tajjeb bejn il-miri ekonomiċi u soċjali fis-Semestru Ewropew huwa partikolarment importanti għas-sostenibbiltà u l-leġittimità tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Konsegwentement, il-miri soċjali u tal-impjeg saru aktar prominenti fis-Semestru Ewropew, fejn kemm ir-rapporti tal-pajjiżi kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jivvalutaw l-isfidi soċjali u tal-impjeg u jippromwovu riformi politiċi bbażati fuq l-aħjar prattika. Għal dan il-għan, l-istatistika soċjali hija ta' importanza partikolari.***

- (5) Skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, il-programm Ewropew tal-istatistika (il-‘programm’) għandu jipprevedi l-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea **ta' kwalità għolja**, filwaqt li jistabbilixxi l-oqsma ewlenin u l-għanijiet ta' azzjonijiet previsti għal perjodu li jikkorrispondi għal dak tal-qafas finanzjarju pluriennali. **Jenħtieġ li l-programm jiġi implimentat permezz ta' azzjonijiet statistiċi individwali f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-programmi ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-programm.**
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ ikopri l-perjodu mill-2013 sal-2017 biss, filwaqt li l-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti jestendi sal-2020. Għalhekk, dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġi emendat **mingħajr dewmien** biex jestendi l-programm sal-2020 **u biex jimla l-lakuni statistiċi fejn ikun meħtieġ b'urġenza.**

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kunitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

- (7) Fil-kuntest tal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni, il-politiki tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu ddisinjati u mmonitorjati dejjem iżjed abbażi ta' evidenza ***affidabbli li jkollha bażi statistika soda***. L-istatistika Ewropea għandha rwol distint f'dak ir-rigward, u tista' tagħmel differenza reali, b'mod speċjali f'oqsma ta' politika fejn ***il-valur analitiku, ibbażat fuq data affidabbli, kif ukoll ir-rispons jikkostitwixxu*** fattur ewlieni biex il-politiki jkunu ta' suċċess.
- (8) Statistika ***ta' kwalità għolja*** hija għalhekk kruċjali biex jinkisbu riżultati aħjar u biex tikkontribwixxi għal Ewropa aħjar. Jenħtieġ li jsiru sforzi akbar biex tingħata spinta lill-investiment fl-istatistika uffiċjali kemm fil-livell Ewropew kif ukoll dak nazzjonali. Jenħtieġ li ***l-programm*** jipprovdi ***wkoll*** gwida fl-oqsma tal-politika ta' prijetà, tal-bini tal-kapaċità u tar-riprijoritizzazzjoni li għaddejja. ***Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali.***

- (9) Jenħtieġ li tittieħed azzjoni biex jiġu indirizzati l-aktar lakuni urġenti fl-istatistika, biex tiżdied il-puntwalità u biex jiġu appoġġjati l-prijoritajiet politiċi u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika matul is-Semestru Ewropew. Jenħtieġ li l-Kummissjoni (Eurostat) tipprovdi wkoll projezzjonijiet ġodda tal-popolazzjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituti tal-istatistika nazzjonali *fir-rigward tal-flussi migratorji sabiex jiġu aġġornati l-analiżi* tal-implikazzjonijiet *soċjali*, ekonomiċi u baġitarji tat-tixjiħ tal-popolazzjoni *u tal-inugwaljanzi ekonomiċi*.
- (10) *Biex jappoġġaw it-tfassil ta' politika effiċjenti, l-indikaturi għandhom jiġu ppubblikati f'waqthom. Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, jenħtieġ li l-Kummissjoni (Eurostat) tikkomunika pubblikament fuq il-puntwalità, inkluża l-għoti ta' informazzjoni rilevanti rigward kull puntwalità insuffiċjenti li tista' sseħħ, bħala aspekk tal-kwalità statistika..*
- (11) Il-kontijiet sperimentali tal-ekosistema u l-istatistika dwar it-tibdil fil-klima, inklużi dawk rilevanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-"impronti", jenħtieġ li jiġu żviluppati aktar *bl-użu ta' data eżistenti*. L-Unjoni Ewropea tal-Enerġija u l-qafas tal-2030 għall-klima u l-enerġija, li għandhom l-għan li jagħmlu s-sistema tal-ekonomija u tal-enerġija tal-Unjoni aktar kompetittiva, *effiċjenti*, sigura u sostenibbli, ser ikunu jeħtieġu statistika ġdida dwar il-konsum tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, *is-sorsi ta' enerġija* rinnovabbli, id-dipendenza enerġetika u s-sigurtà tal-provvista, *kif ukoll statistika ġdida dwar l-ekonomija ċirkolari*.

- (12) *Huwa mistenni li statistika ta' kwalità għolja żviluppata, prodotta u disseminata fil-qafas tal-programm, b'mod partikolari l-istatistika dwar l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-istatistika soċjali, l-istatistika ambjentali kif ukoll l-istatistika dwar l-enerġija u t-trasport tippermetti l-monitoraġġ tal-oġġettivi u l-miri li għandu jiġi stabbilit fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri fl-ambitu tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u, b'dak il-mod, tikkontribwixxi biex jintlaħqu daww l-għanijiet u l-miri.*
- (13) *Jenħtieġ li jsir progress biex titjeb l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva li tikkontribwixxi għall-kompletezza tal-kontijiet nazzjonali u b'hekk tippermetti estimi aħjar tad-distakk fiskali u l-evitar tat-taxxa.*
- (14) *L-estensjoni tal-programm hija opportunità li jenħtieġ li tittieħed biex isiru adattamenti u jiġu riflessi l-orjentazzjonijiet il-ġodda, b'mod partikolari f'konformità mal-Viżjoni 2020 tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS), li jikkomplementaw l-għanijiet eżistenti, il-prijoritizzazzjoni li għaddejja u d-disponibbiltà tad-data f'kuntest fejn l-Unjoni qed tiffaċċja sfidi sinifikanti f'termini ta' żvilupp ekonomiku u koeżjoni soċjali. Jenħtieġ li dan jiżgura wkoll it-tkomplija tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, u jenħtieġ li jiżgura djalogi regolari mal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ (ESAC). Jenħtieġ ukoll li dan jiżgura l-koordinazzjoni bejn l-ESS u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni (Eurostat) tissorvelja l-konformità tal-Istati Membri mal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea (Kodiċi ta' Prattika).*

⁸ Id-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE (ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13).

- (15) ***Huwa partikolarment importanti li jitkejlu l-irqajja' ta' qgħad estrem, inkluż il-qgħad fost iż-żgħażaġh fir-reġjuni transfruntieri.***
- (16) Jenħtieġ li żieda xierqa fil-baġit għall-istatistika fil-livell tal-Unjoni tappoġġja t-tibdil għall-programm u ***l-ħidma li għaddejja mill-ESS b'rabta mal-effiċjenza billi*** ġgħib valur miżjud sinifikanti u riżultati ***għal titjib fil-kwalità tad-data*** permezz ta' proġetti fuq skala kbira, effetti ta' ingranaġġ strutturali u ekonomiji ta' skala li ***jistgħu jtejbu s-sistemi*** statistiċi fl-Istati Membri kollha.
- (17) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-estensjoni tal-programm biex ikopri l-perjodu mill-2018 sal-2020, li ser jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza ewlieni, fis-sens tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba⁹, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (18) ***Fl-estensjoni tal-programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni (Eurostat) tagħti attenzjoni partikolari lill-konsegwenzi tal-ħruġ ta' Stat Membru mill-Unjoni.***

⁹ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

- (19) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi estiż il-programm statistiku Ewropew biex ikopri l-perjodu mill-2018 sal-2020, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak il-għan.
- (20) Skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-abbozz tal-proposta għal estensjoni tal-programm li jkopri l-perjodu mill-2018 sal-2020 ġie ppreżentat għal eżaminazzjoni minn qabel lill-Kumitat Ewropew tas-Sistema Statistika (ESSC), l-ESAC, u l-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE¹⁰.
- (21) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 99/2013 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE tat-13 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi Kumitat dwar l-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti (ĠU L 332, 30.11.2006, p. 21).

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu li ġej:

‘Il-programm għandu jiġi estiż biex ikopri l-perjodu mill-2018 sal-2020.’;

(2) ***L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

‘Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jipprovdi l-qafas ta' programmazzjoni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, l-oqsma ewlenin u l-oġettivi tal-azzjonijiet maħsuba għall-perjodu mill-2013 sal-2020, skont l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.’;

(3) fl-Artikolu 7(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

‘Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm għall-2018 sal-2020 għandu jammonta għal EUR 218,1 miljun, kopert bil-perjodu ta' programmazzjoni 2014 sal-2020.’;

(4) *l-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

‘Artikolu 9

Programmi ta' ħidma annwali

‘Sabiex timplimenta l-programm, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali li għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u li għandhom jistabbilixxu l-għanijiet li għandhom jintlaħqu u r-riżultati mistennija, f'konformità mal-oġettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li ssir enfasi xierqa fuq azzjonijiet li għandhom l-għan li jippromwovu l-konformità mal-Kodiċi ta' Prattika. Kull programm ta' ħidma annwali għandu jiġi kkomunikat lill-Parlament Ewropew għal skopijiet ta' informazzjoni.’;

(5) l-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 13

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati attivitajiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu mħarsa permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effikaċi, u jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti li ma kellhomx jitħallsu u, fejn ikun xieraq, permezz ta' penali amministrattivi u finanzjarji effikaċi, proporzjonati u dissważivi.
2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u ta' spezzjonijiet fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha tal-ġhotjiet, il-kuntratturi u s-subkuntratturi li rċevew fondi tal-Unjoni skont il-programm.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96**, bl-għan li jiġi stabbilit jekk tkunx twettqet frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'konnessjoni ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt ifffinanzjat skont il-programm.
4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF sabiex iwettqu t-tali awditi u investigazzjonijiet skont il-kompetenza rispettiva tagħhom.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, meta l-implimentazzjoni ta' azzjoni tiġi esternalizzata jew sottodelegata, kollha kemm hi jew parzjalment, jew meta tkun teħtieġ l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist jew appoġġ finanzjarju li jingħata lil parti terza, il-kuntratt, il-ftehim ta' għotja jew id-deċiżjoni ta' għotja għandhom jinkludu l-obbligu tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju li jimponi fuq kwalunkwe parti terza involuta l-aċċettazzjoni espliċita ta' dawk is-setgħat tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-OLAF.

* Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

** Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).’;

(6) *l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:*

(a) *jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

‘2a. *Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tippreżenta rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm lill-ESSC. Dak ir-rapport għandu jinkludi l-fehma tal-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-prospetti għall-programm fil-qafas finanzjarju pluriennali li jibda fl-2021. Dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*’ ;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘3. Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-ESSC u mal-ESAC, għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jevalwa:***

- (a) ***l-eżitu tar-riprijoritizzazzjoni u l-evalwazzjoni tal-ispejjeż tal-prodotti statistiċi;***
- (b) ***l-azzjonijiet meħuda mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' produzzjoni u implimentazzjoni għall-Istati Membri u biex jiġi limitat il-piż globali li jirriżulta mill-proġetti u l-oqsma statistiċi koperti minn dan il-programm;***
- (c) ***il-progress fuq l-iffaċilitar u l-użu aktar faċli tal-aċċess għall-istatistika uffiċjali, inkluż il-forniment ta' data fuq is-sit web tal-Eurostat; u***
- (d) ***l-progress fuq it-titjib tad-disponibbiltà tad-data, inkluż dwar l-attivitajiet li jikkonċernaw l-ekonomija soċjali u dwar l-indikaturi ta' Ewropa 2020.’;***

(7) l-Anness għar-Regulation (UE) Nru 99/2013 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fl-għoxrin jum wara dak*** tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNESS

L-Anness għar-Regolament (UE) Nru 99/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) *it-titolu tal-Anness huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Infrastruttura statistika u objettivi tal-programm statistiku Ewropew 2013-2020";

(2) *l-introduzzjoni hija emendata kif ġej :*

(a) *l-ewwel u t-tieni paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:*

‘L-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni tirrikjedi informazzjoni statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali, territorjali u ambjentali fl-Unjoni u l-komponenti tagħha fil-livell nazzjonali u reġjonali. L-istatistika Ewropea hija indispensabbli għall-Unjoni ukoll, billi tippermetti lill-pubbliku ġenerali u liċ-ċittadini Ewropej jifhmu u jieħdu sehem fil-proċess demokratiku u fid-dibattitu dwar l-istat preżenti u dak futur tal-Unjoni.

Il-programm jipprevedi l-qafas leġislattiv għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea matul il-perjodu mill-2013 sal-2020.';

(b) *ir-raba' paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

'L-istatistika żviluppata, prodotta u disseminata fil-qafas tal-programm tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, kif riflessi fit-TFUE Ewropa 2020 u l-inizjattivi ewlenin rispettivi tagħha, kif ukoll politiki oħra stabbiliti fil-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni.';

(3) *fl-Għanijiet, l-għan 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

— Għan 1: il-provvista ta' informazzjoni statistika, f'waqt u b'mod kosteffiċjenti, mingħajr duplikazzjoni żejda tal-isforzi, għall-appoġġ tal-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni li jirriflettu tajjeb il-prijoritajiet, filwaqt li jinżamm bilanċ bejn l-oqsma ekonomiċi, soċjali, territorjali u ambjentali u jiġu moqdija l-ħtiġijiet tal-firxa wiesgħa ta' utenti tal-istatistika Ewropea, inklużi entitajiet oħra li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi, negozji u ċittadini Ewropej b'mod ġenerali;';

(4) it-Taqsima I. Riżultati Statistiċi hjia emendata kif ġej:

(a) *fil-punt 1.1. Ewropa 2020, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

‘L-approvazzjoni ta' Ewropa 2020 sawret fil-parti l-kbira l-aġenda strateġika għall-Unjoni u l-politiki nazzjonali għas-snin li ġejjin. Fil-qafas ta' dik l-aġenda, ġew maqbula għadd ta' miri u inizjattivi li l-ESS trid tforni indikaturi statistiċi għalihom f'għadd ta' oqsma, bħal: titjib tal-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni; riċerka u l-iżvilupp; promozzjoni ta' impjiegi deċenti; promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi; kisba tal-oġettivi tal-Unjoni dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima; effiċjenza fir-riżorsi; titjib tal-livelli edukattivi, fosthom it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola; żieda fit-taħriġ vokazzjonali tul il-ħajja u l-mobbiltà tat-tagħlim; itixjiħ attiv u b'saħħtu; promozzjoni tal-inklużjoni soċjali; u tnaqqis tal-faqar. Meta jkun xieraq, tinħtieġ statistika diżaggregata skont is-sessi sabiex wieħed jifhem x'tinvolti d-diskriminazzjoni sesswali, b'enfasi fuq il-vjolenza sessista.’;

(b) l-għan 1.1.1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Il-provvista ta' informazzjoni statistika ta' kwalità għolja, li **għandha** tkun disponibbli b'mod li jkun f'waqtu għas-Semestru Ewropew, sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni **ta'** Ewropa 2020. L-indikaturi l-ġodda għandhom, safejn possibbli, ikunu bbażati fuq data statistika disponibbli.’;

(ii) ***ir-raba' inċiż tat-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

‘— ***indikaturi dwar l-impjiegi li jiddistingwu bejn xogħol part-time u xogħol full-time u bejn kuntratti ta' terminu fiss u kuntratti permanenti, kif ukoll indikaturi dwar il-qgħad li fihom jitqiesu l-persuni f'politiki ta' attivazzjoni bħat-taħriġ. Dawn l-indikaturi għandhom jinkludu wkoll data dwar id-distakk bejn is-sessi.***’;

(c) fl-għan 1.2.1, it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘— il-provvista ta' input statistiku għal Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir imtejjeb immirat b'mod speċifiku lejn il-produzzjoni u l-provvediment ta' statistika ta' kwalità għolja dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern;

"— l-għoti ta' input statistiku għal monitoraġġ effiċjenti tal-inugwaljanzi ekonomiċi." ;

(d) l-għan 1.3.1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

'It-titjib tal-indikaturi u l-informazzjoni statistika disponibbli dwar il-globalizzazzjoni ekonomika u l-katini ta' valur globali għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Unjoni u għall-pubbliku. Dik l-informazzjoni għandha twassal biex jinftiehem aħjar l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-globalizzazzjoni.';

(ii) it-tielet inċiż tat-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

'— il-provvista ta' data li tippermetti analiżi tal-konsegwenzi pożittivi u negattivi għas-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari s-suq tax-xogħol tal-Unjoni;

— l-analiżi tal-katini ta' valur globali, possibbilment permezz ta' tabelli xierqa ta' input/riżultati, u l-istatistika dwar il-kummerċ u n-negozju barranin, inkluż il-ħolqien ta' konnessjonijiet ta' mikrodata; u l-koordinazzjoni tar-riżultati ta' din l-analiżi fl-inizjattivi internazzjonali ta' interess għall-Unjoni; u';

- (e) il-punt 2. Oqfsa ta' kontabilità huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘2. Oqfsa ta' kontabilità

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Awwissu 2009 intitolata "Il-PDG u lil hinn: Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel" ('Il-PDG u lil hinn'), u l-pubblikazzjoni tar-Rapport Stiglitz-Sen-Fitoussi dwar il-Kejl tal-Prestazzjoni Ekonomika u l-Progress Soċjali, taw impetu ġdid lill-isfida ewlenija għall-ESS, prinċipalment kif tista' tinkiseb statistika aħjar dwar kwistjonijiet trażversali u statistika iżjed integrata sabiex jiġu deskritti fenomeni soċjali, ambjentali u ekonomiċi kumplessi lil hinn mill-miżuri tradizzjonali tar-riżultati ekonomiċi. Il-ħidma fuq il-PDG u lil hinn fl-ESS tiffoka fuq tliet oqsma ta' prijorità: l-istatistika dwar is-settur tal-unitajiet domestiċi u l-istatistika li tkejjel id-distribuzzjoni tad-dħul, il-konsum u l-ġid; il-kejl tal-kwalità tal-ħajja b'mod multidimensjonali; u l-kejl tas-sostenibbiltà ambjentali. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli dinjija ġodda adottati fl-2015 jipprovdu aktar impetu. Is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali (ESA) toffri qafas integrat u konsistenti għall-istatistika ekonomika kollha li għandha tiġi kkumplementata minn indikaturi oħra sabiex tingħata informazzjoni iżjed komprensiva għat-tfassil tal-politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet. L-implimentazzjoni sħiħa tal-ESA 2010 ser tkun appoġġjata minn valutazzjonijiet regolari tal-kwalità u tal-konformità, billi titqies l-iskadenza progressiva tad-derogi sal-2020, li twassal għal titjib ulterjuri fil-puntwalità u d-disponibbiltà tal-indikaturi.";

(f) *il-punt 2.1. Prestazzjoni ekonomika u soċjali huwa sostitwit b'dan li ġej:*

‘2.1. Prestazzjoni ekonomika u soċjali

Il-kriżi ekonomika żiedet il-ħtieġa li jkun hemm indikaturi makroekonomiċi ta' kwalità għolja sabiex jiġu mifhuma u analizzati aħjar kemm iċ-ċaqliq ekonomiku kif ukoll sabiex jiġu mifhuma u analizzati aħjar l-evoluzzjoni ta' inugwaljanzi ekonomiċi u l-effetti tagħhom fuq is-soċjetà, biex b'hekk jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Peress li l-produzzjoni qiegħda ssir dejjem aktar globalizzata, jeħtieġ li jiġi żviluppat qafas konsistenti li jiffaċilita l-interpretazzjoni u l-integrazzjoni tal-istatistika minn oqsma differenti.’;

(g) *fl-għan 2.1.1, it-tieni paragrafu huwa emendat kif ġej:*

(i) *it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:*

‘— il-produzzjoni ta' indikaturi dwar id-distribuzzjoni tal-introjtu, tal-konsum u tal-ġid fost l-unitajiet domestiċi, u r-rikonċiljazzjoni tal-aggregati tal-kontijiet nazzjonali mad-data tal-istħarriġ tal-unitajiet domestiċi jew mad-data amministrattiva;’;

(i) ir-raba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘— it-tiżiż ta' rabtiet mal-kontijiet nazzjonali fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali, is-saħħa u l-edukazzjoni;

— *l-iżvilupp ta' qafas għall-kejl tal-kwalità tal-ħajja, li jsaħħaħ il-perspettiva tal-unitajiet domestiċi fil-kontijiet nazzjonali;*

— *l-iżvilupp ta' indikaturi relatati mal-"PDG u lil hinn" li jkejlu s-sostenibbiltà ambjentali u l-effetti esterni b'perspettiva ta' kontabilità nazzjonali;*’;

(ii) *l-inċiżi li ġejjin* jiddaħħlu wara l-ħames inċiż:

"— l-iżvilupp *ulterjuri* ta' indikaturi soċjali f'waqthom, inklużi tekniki avvanzati għal previżjoni immedjata (now-casting) u estimi immedjati;

— l-appoġġ għall-kondiviżjoni tad-data internazzjonali għal data makroekonomika biex jitnaqqas il-piż għall-produtturi tad-data u titjeb id-disponibbiltà ta' data komparabbli u konsistenti għall-utenti;

- *l-iżvilupp u l-irfinar ta' indikaturi aggregati tad-dħul u ta' aspetti ta' inugwaljanza fil-ġid;*
- *il-kejl u l-analiżi tal-inugwaljanza bejn is-sessi, inkluża d-differenza fil-pagi;*

(h) fl-għan 2.1.2, l-aħħar inċiż *tat-tieni pararafu* huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— id-disponibbiltà u l-estensjoni ta' statistika armonizzata dwar il-prezzijiet tad-djar għall-Istati Membri kollha.";

(i) fl-għan 2.2.1, *t-tieni pararafu* huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘ L-għan ser jiġi implimentat permezz ta’:

- l-iżvilupp *ulterjuri* ta' sistema koerenti ta' kontijiet ambjentali bħala "kontijiet satellita" tal-kontijiet nazzjonali ewlenin, li tipprovdi informazzjoni dwar l-emissjonijiet atmosferiċi, il-konsum tal-enerġija, il-flussi ta' riżorsi naturali, il-kummerċ fil-materja prima, it-tassazzjoni ambjentali u l-infiq fuq il-protezzjoni ambjentali, possibilmint bl-inklużjoni tat-tkabbir/tal-akkwist ekoloġiku;

- l-iżvilupp **ulterjuri** ta' kontijiet sperimentali tal-ekosistemi **li jippermettu l-użu ta' data eżistenti, inklużi dawk miġbura mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċji jew aġenziji tal-Unjoni, bħala parti minn inizzjattiva ta' integrazzjoni tad-data fit-tul;**
 - l-iżvilupp ulterjuri ta' **ħidma biex isir użu aħjar minn ġabriet ta' data eżistenti għal** statistika relatata mat-tibdil fil-klima **■** ; u
 - l-iżvilupp **ulterjuri** ta' indikaturi li jkejlu l-"impronti" ambjentali **abbażi ta' data eżistenti.**’;
- (j) l-għan 3.1.1 huwa emendat kif ġej:
- (i) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Żieda tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-proċessi ta' produzzjoni tal-istatistika. **F'konformità mal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-leġislazzjoni eżistenti** relatata mal-pilastru tal-istatistika kummerċjali **jeħtieġ tiġi simplifikata. F'dan il-kuntest**, għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa għar-riżorsi limitati disponibbli għall-produtturi u għall-piż globali fuq ir-rispondenti f'konformità mal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) tal-Kummissjoni. Il-provvista ta' statistika ta' kwalità għolja dwar oqsma ewlenin fejn l-impriżi huma ċ-ċentru tal-interess, bħal statistika kummerċjali, indikaturi fuq perjodu qasir, l-investment tagħhom fil-kapital u l-ħiliet umani, it-tranżazzjonijiet internazzjonali, il-globalizzazzjoni, il-monitoraġġ tas-suq intern, **ir-riċerka, l-iżvilupp** u l-innovazzjoni, u t-turiżmu. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għad-disponibbiltà ta' data f'setturi industrijali u tas-servizzi ta' valur miżjud għoli, b'mod partikolari fl-ekonomija ekoloġika, diġitali, **kollaborattiva, tas-saħħa, edukattiva u soċjali**.’;

(ii) l-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘— l-użu mill-ġdid ta' data disponibbli fis-sistema statistika jew fis-soċjetà, l-istabbiliment ta' bażi ġuridika komuni għall-istatistika kummerċjali ■ u l-produzzjoni ta' infrastruttura komuni u ta' għodod komuni;’;

(k) l-għan 3.2.1 huwa emendat kif ġej:

(-i) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Il-provvista ta' statistika dwar l-oqsma ewlenin ta' politika soċjali fejn iċ-ċittadin ikun iċ-ċentru tal-interess, bħal: il-benesseri; is-sostenibbiltà; il-koeżjoni soċjali; il-faqar; l-inugwaljanzi, l-isfidi demografiċi b'mod partikolari t-tixjijiet tal-popolazzjoni, id-depopolazzjoni, it-tixrid tal-popolazzjoni u l-migrazzjoni; is-suq tax-xogħol; l-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi l-edukazzjoni tul it-tfulija, it-tagħlim tal-adulti, it-taħriġ vokazzjonali u l-mobbiltà tat-tagħlim taż-żgħażaġh; il-kultura; l-attività fiżika; il-kwalità tal-ħajja; is-sikurezza; is-saħħa; id-diżabbiltà; il-konsum; il-moviment ħieles u s-suq intern; il-mobbiltà taż-żgħażaġh; l-innovazzjoni teknoloġika u għażliet ta' stili ġodda ta' ħajja. Fejn ikun xieraq, dik l-istatistika għandha tiġi diżaggregata skont is-sess, għal gruppi li jkunu ta' interess speċjali għal dawk li jfasslu l-politika soċjali. Il-prijoritajiet għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 6. F'konformità mal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-leġislazzjoni eżistenti relatata mal-pilastru tal-istatistika soċjali jeħtieġ tiġi simplifikata. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata konsiderazzjoni xierqa għar-riżorsi -limitati- disponibbli għall-produtturi u għall-piż globali fuq ir-rispondenti f'konformità mar- REFIT.’ ;

(ii) *ir-raba' inċiż tat-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

‘— *il-provvista ta' statistika dwar l-inugwaljanzi tal-introjt, b'indikaturi bħall-koeffiċjent Gini u l-evoluzzjoni tad-deċili superjuri tad-distribuzzjoni tal-introjt, li tipprovdi indikatur ewlieni nazzjonali paragonabbli, kif ukoll data dwar l-inugwaljanzi tal-aċċess għal beni u servizzi bażiċi;*’;

(iii) *is-seba' inċiż tat-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

‘— l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-programm ta' ħidma dwar l-integrazzjoni tal-istatistika dwar il-migrazzjoni billi jitqiesu l-isfidi ġodda, b'mod partikolari l-iżviluppi internazzjonali;

— il-forniment ta' projezzjonijiet tal-popolazzjoni u tal-aġġornamenti annwali tagħhom;

— *l-iżvilupp ta' indikaturi komprensivi dwar is-sitwazzjoni tal-migranti fl-Unjoni;*

- *kooperazzjoni ulterjuri ma' aġenziji u organiżazzjonijiet speċjalizzati dwar is-sitwazzjoni tar-rifuġjati;*
- *l-iżvilupp ta' metodoloġija għal sħarriġ fuq bażi volontarja dwar il-vjolenza ta' natura sessista, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji Ewropej li jaħdmu f'dan il-qasam;*
- *it-twaqqif ta' bażi ġuridika komuni għall-istatistika soċjali u l-produzzjoni ta' infrastruttura u għodod komuni;*';

- (l) fil-punt 3.3. Statistika ġeospazjali, ambjentali, agrikola u statistika settorjali oħra, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘L-agrikoltura se tibqa' qasam ta' politika importanti tal-Unjoni. Il-Politika Agrikola Komuni tenfasizza l-ħtieġa għal produzzjoni vijabbli tal-ikel, għal ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni dwar il-klima u għal żvilupp territorjali bbilanċjat, li huma l-għanijiet prinċipali ta' dik il-politika L-enfasi ser ikun fuq id-dimensjonijiet ambjentali, dawk relatati mal-bijodiversità/l-ekosistema, dawk ekonomiċi, tas-saħħa u s-sikurezza tal-bnedmin u dawk soċjali.’;

(m) l-għan 3.3.1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-appoġġ għat-tfassil ta' politika abbażi tal-evidenza b'użu iżjed flessibbli u użu akbar ta' informazzjoni spazjali kkombinata ma' informazzjoni statistika soċjali, **territorjali**, ekonomika u ambjentali għal reġjuni, tipoloġiji reġjonali, b'liet u l-grad tal-urbanizzazzjoni.";

(ii) jiżdiedu iż-żewġ inċiżi li ġejjin ***fit-tieni paragrafu***:

"— l-implimentazzjoni tal-użu tal-istatistika dwar l-użu tal-artijiet u l-kopertura tal-artijiet ■ ;

— il-koordinazzjoni ta' data statistika għal reġjuni, ■ b'liet u ***tipoloġiji territorjali***.";

(n) l-għan 3.3.3 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-ewwl paragrafu:

"F'konformità mal-prijorità tal-"Unjoni Ewropea tal-Enerġija" tal-Kummissjoni, ***u kemm jista' jkun abbażi tad-data eżistenti***, se ssir enfasi partikolari fuq l-istatistika relatata mal-konsum tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, ***is-sorsi ta' enerġija*** rinnovabbli, id-dipendenza enerġetika, ***l-aspetti relatati mal-faqar*** enerġetiku u s-sigurtà tal-provvista ***u l-ekonomija ċirkolari***. Barra minn hekk, l-istatistika dwar l-enerġija jeħtieġ li tappoġġja l-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 li għandu l-għan li jagħmel is-sistema tal-ekonomija u tal-enerġija tal-Unjoni aktar kompetittiva, sigura u sostenibbli.";

(ii) jiżdied l-inċiż li ġej ***fit-tieni paragrafu***:

"— id-dipendenza enerġetika u s-sigurtà tal-provvista.";

(o) *l-għan 3.3.4 huwa emendat kif ġej:*

(i) *l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

‘Il-provvista ta’ statistika dwar l-agrikoltura, l-industrija tas-sajd u l-forestrija għall-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-Politiki Komuni dwar l-Agrikoltura u s-Sajd, li tirrifletti l-oġettivi strateġiċi ewlenin tal-Unjoni relatati mas-sostenibbiltà, kif ukoll mal-iżvilupp rurali, bit-tweqqif ta’ attivitajiet regolari relatati mal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika. F’konformità mal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-leġislazzjoni eżistenti relatata mal-pilastru tal-istatistika agrikola jeħtieġ tiġi simplifikata. F’dan il-kuntest, għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa għar-riżorsi limitati għall-produtturi u għall-piż globali fuq ir-rispondenti f’konformità mar-REFIT.’;

(ii) *jżiedu l-inċiżi li ġejjin fit-tieni paragrafu:*

‘— it-tnejn u l-implimentazzjoni ta’-ċensiment agrikolu previst għall-2020;

— *lit-twaqqif ta' bażi ġuridika komuni għall-istatistika relatata mal-agrikolatura u l-produzzjoni ta' infrastruttura u għodod komuni.*';

(5) il-taqsima II. Metodi ta' Produzzjoni tal-Istatistika Ewropea huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Attwalment l-ESS qiegħda tiffaċċja numru ta' sfidi. L-aspettattivi dwar il-kamp ta' applikazzjoni, il-kwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea qed jiżdiedu. Bil-globalizzazzjoni, ħarġet realtà kumplessa li jeħtieġ li tiġi riflessa fl-istatistika uffiċjali u tqajjem sfidi metodoloġiċi. Id-disponibbiltà dejjem tiżdied tad-data minn fornituri privati u pubbliċi toffri l-potenzjal għal titjib fil-puntwalità u r-rilevanza tal-istatistika uffiċjali kif ukoll biex jitnaqqas il-piż tar-rispons. Biex tiffaċċja dawn l-isfidi, ***fl-istess waqt li qed taffronta restrizzjonijiet fuq ir-riżorsi***, l-ESS b'mod gradwali ser timplimenta l-għanijiet strateġiċi definiti ***fil-Viżjoni 2020 tal-ESS***, billi tibni fuq approċċ olistiku biex tikseb titjib fil-kwalità u fl-effiċjenza:

- biex tinvolvi ruħha b'mod proattiv fi djalogu regolari mal-utenti biex tifhem b'mod aktar profond il-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li tirrikonoxxi li gruppi ta' utenti differenti għandhom ħtiġijiet differenti li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod korrett;

- biex tipprovdi prodotti u servizzi ta' kwalità għolja u tapplika approċċ ta' kwalità għall-ġestjoni, l-organizzazzjoni, u l-governanza tal-ESS;
- biex tibbaża prodotti u servizzi tal-istatistika kemm fuq sħarriġ tradizzjonali kif ukoll fuq sorsi *oħra*, fosthom data amministrattiva, ġeospazjali u, fejn possibbli, big data;
- biex tikseb aċċess għal sorsi tad-data ġodda, toħloq metodi u ssib teknoloġija xierqa sabiex tuża *dawn is-sorsi* tad-data biex tipproduċi statistika Ewropea b'mod affidabbli;
- biex ittejjeb l-effiċjenza tal-produzzjoni statistika billi tintensifika aktar il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-esperjenzi u l-metodoloġiji iżda wkoll billi tikkondividi l-ġhodod, id-data, is-servizzi u r-riżorsi fejn xieraq *u debitament ġustifikat. Il-kollaborazzjoni* ser tkun ibbażata fuq standards maqbula u elementi komuni ta' infrastruttura teknoloġika u tal-istatistika;
- biex timplimenta strateġija ta' disseminazzjoni *u komunikazzjoni* għall-istatistika Ewropea li tkun flessibbli biżżejjed biex tadatta għal teknoloġiji emerġenti, tagħti gwida f'dinja ta' rivoluzzjoni tad-data u sservi ta' pilastru affidabbli għad-demokrazija.';

(b) fl-għan 1.1, l-ewwel inċiż tat-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

- ‘— l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu **ta' assigurazzjoni** tal-kwalità ġdid, integrat, effettiv u adatt għall-iskop ibbażat fuq il-Kodiċi ta' Prattika u l-Qafas tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità tas-ESS;
- il-valutazzjoni tal-konformità mal-Kodiċi ta' Prattika;’;

■

(c) l-għan 4.1 huwa emendat kif ġej:

(i) *il-paragrafu li ġej jiddaħħal qabel l-ewwel paragrafu:*

*‘Iċ-ċittadini Ewropej għandhom ikunu jistgħu jiksbu faċilment u mingħajr xkiel statistika Ewropea sabiex ikunu jistgħu jużaw din id-data għall-**edukazzjoni** u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Dan l-oġġettiv se jiġi implimentat permezz tat-tisħiħ tal-faċilità tal-użu tal-istatistika Ewropea u billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għad-data. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-irkuprabilità u l-konvertibilità faċli tad-data statistika għall-użu prattiku, inkluż permezz ta' graffs u mapep. Iżjed ċittadini għandhom jibbenefikaw mill-istatistika Ewropea u b'hekk jingħata kontribut effikaċi għat-tisħiħ tad-disseminazzjoni ta' informazzjoni statistika fis-soċjetà kollha.’;*

(ii) l-inċiż li ġej jiżdied mal-ħames paragrafu:

- ‘— l-identifikazzjoni ta' rekwiżiti tad-data attwali u futuri biex jiġu offruti prodotti u servizzi ■ tad-data bi skop multiplu u mfassla apposta għall-utent finali’;

(d) fl-Għan 5.1, jiddaħħal l-inċiż ġdid li ġej wara t-tielet inċiż tar-raba' paragrafu kif ġej:

- "— l-analiżi tal-ħtiġijiet għal ħiliet ġodda relatati max-xjenza tad-data u l-integrazzjoni **tagħhom** fi programmi ta' taħriġ;"

(6) fill-Taqsima III. Sħubija, l-inċiżi li ġejjin jiddaħħlu wara r-raba' inċiż tat-tieni paragrafu tal-għan 1.4:

- ‘— iż-żieda fl-għarfien taċ-ċittadini Ewropej dwar l-importanza ta' statistika uffiċjali u l-komunikazzjoni ta' din l-istatistika lill-partijiet interessati kollha billi jiġi ċelebrat il-Jum Ewropew tal-Istatistika fl-20 ta' Ottubru ta' kull sena;
- id-disseminazzjoni ta' data statistika rilevanti biex tappoġġja l-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni rispettivi;
- il-promozzjoni ta' valuri u inizzjattivi Ewropej bħall-Kodiċi ta' Prattika, ***l-Oqfsa tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-ESS***, u l-approċċi ta' standardizzazzjoni u armonizzazzjoni għar-reġjuni u l-pajjiżi terzi;’.
